SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGHA, KONTINWAZZJONI**

**7 ta' Settembru, 2009**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-6.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius, il-Viċi Sindku Etienne Bonello Du Puis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ippresjeda.

**4.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Proġett għal talba ta' Devoluzzjoni għal art fi Vjal ir-Rihan**

4.8.1 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici talab sospensjoni tar-regolamenti.

4.8.2 Is-Sindku nfurmah li l-laqgħa għandha timxi skond l-Aġenda.

4.8.3 Saret diskussjoni dwar il-proġett propost għal art fi Vjal ir-Rihan u l-vijabilta' li l-Kunsill jagħmel talba għad-devoluzzjoni tal-art għal bini ta' Ċentru Kommunitarju li jilqa' l-ħtiħijiet diversi tar-residenti.

4.8.4 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

4.8.5 *"Il-Kunsill jaqbel li jinbeda l-proċess ta' l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' art fi Vjal ir-Rihan."*

4.8.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsilllier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

**4.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Tabelli u Sinjali tat-Traffiku fil-lokalita'**

4.9.1 Saret diskussjoni dwar il-ħtieġa urġenti li diversi xogħlijiet isiru mmedjatament u kien approvat li l-Kunsillier Neville Mallia jipproċedi bix-xogħlijiet.

4.9.2 Kienet ippreżentata stima mingħand il-Koperattiva tas-Sinjali u li kienet tlaħħaq għal iktar minn €9,000 biex issir parti minn San Ġwann u li dan ma kienx finanzjarjament possibli.

4.9.3 Il-Kunsill ikkunsidra wkoll li b'persuna waħda ta' l-IPSL ma kienx faċli li jsir tali xogħol

4.9.4 Il-Kunsill kien infurmat li saret talba mill-ġdid għal żieda ta' ħaddiem iżda hi mistennija risposta.

4.9.5 Rigward il-*Job Card* li ntalbet mill-IPSL kien ikkunsidrat li hu diffiċli biex jitniżżel siegħa b'siegħa x'ikun għamel il-ħaddiem ta' l-IPSL.

**4.10 Proposti għal twaqqif ta' Sotto Kumitati**

4.10.1 Il-Kunsillier Joan Farrugia issottomettiet persuni sabiex jiffurmaw Sotto Kumitati, dwar il-Kultura u l-Wirt Storiku.

4.10.2 Is-Sindku nforma li l-membri proposti mill-Kunsillier Rita Saliba kienu ġew aċċettati, filwaqt li dawk tal-Kunsillier Joan Farrugia tingħata risposta f'seduta oħra.

4.10.3 Il-Kunsilliera kienu mgħarrfa li għandhom dritt jattendu għal-laqgħa tas-Sotto Kumitati iżda mingħajr dritt tal-vot.

## 4.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapporti tal-*Contracts' Manager*

4.11.1 Il-Kunsill ikkunsidra r-rapporti mressqa mill-*Contracts' Manager* li jkopru l-perjodu ta' bejn l-20 ta' Lulju, 2009, u s-16 t'Awissu, 2009, u li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "4Ċ" sa "4F".

4.11.2 Saret referenza għar-ritratti provduti mill-*Contracts' Manager* rigward is-siġar mill-propjetajiet privati li qegħdin jostakolaw il-bankini, kif ukoll għal Triq il-Kapuċċini fejn hemm siġra tostakola tabella u li dan huwa ta' periklu.

4.11.3 Dwar friegħi ta' siġar li minn propjeta' privata li jkunu qed jostakolaw passaġġ pubbliku jew ta' periklu, il-Kunsill qabel li jinġieb il-parir ta' l-Avukat Ġenerali.

4.11.4 Saret diskussjoni dwar il-kwantita' kbira ta' *bulky refuse* madwar il-lokalita' u l-possibilta' li jiżdiedu s-servizz tal-*Green Wardens.*

4.11.5 Il-Kunsill kien mgħarraf li kien ikkontrollat **"ftit mill-"** abbużi mill-*Green Wardens* fejn ingħataw ċitazzjonijiet fuq il-ħmieġ tal-klieb.

***Emendata Laqgħa nr. 5***

4.11.6 Il-Kunsill unanimament approva r-rapporti pprezentati mill-*Contracts' Manager*.

## 4.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Attivitajiet

4.12.1 Rigward il-manutenzjoni tal-*litter bins*, il-Kunsill approva kwotazzjoni sabiex issir manutenzjoni tal-*litter bins* li tlaħħaq għal €61-is siegha, fejn kien ikkwotat li tali xogħol isir fi żmien 6 siegħat.

4.12.2 Il-Kunsill ma qabilx li jidħol għall-kuntratt tal-*photocopy* tal-librerija u dan għax il-prezz kkwotat ma kienx vantaġġużż u fl-istess ħin ma kienx qed isir użu minnha.

4.12.3 Il-Kunsill iddiskuta inizjattiva sabiex il-kotba ppubblikati minnu dwar San Gwann, ikunu maqluba għall-Ingliż, fejn kienet ikkunsidrata stima mingħand *Chev. Tony C. Cutajar*.

4.12.4 Saret diskussjoni dwar il-*website* tal-Kunsill, fejn ġiet ippreżentata stima li kienet tlaħħaq għal €600.

4.12.5 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

4.12.6 *"Il-Kunsill ma jaqbilx li jidħol għal din l-ispiża, u għalhekk il-website tal-Kunsill tiġi sospiza u dan peress li dik uffiċċjali tal-Gvern qed tiġi aġġornata mill-istaff tal-Kunsill."*

4.12.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet b'sitt voti Favur, tnejn Kontra u Astensjoni.

4.12.8 Il-Kunsill qabel ma' proposta magħmula mis-Sinjura Natasha Bontempo sabiex tagħti korsijiet ta' l-Ingliż b'xejn, iżda l-istudenti jridu jixtru n-noti għal prezz ta' €12.

4.12.9 Il-Kunsill approva li jsiru xogħlijiet ta' tindif fi Triq Wied Ghollieqa, **"Triq it-Tellerit k/m parti minn Triq Sliema u Triq Albert Laferla k/m parti minn Triq Antonio Schembri"** għas-somma ta' €220 li jinkludi s-servizz tat-trakk, gaffa u x-xufier.

***Emendata Laqgħa nr. 5***

4.12.10 Il-Kunsill kien infurmat li ser issir laqgħa mal-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali dwar it-tindif tal-*culverts*.

4.12.11 Dwar il-laqgħa ma' l-Ispettur, kien hemm qbil li l-Kunsilliera kollha jkunu nfurmati.

4.12.12 Kien hemm qbil li terġa ssir mera tat-traffiku fi Triq il-Virdun.

4.12.13 Kien hemm qbil li xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-Ġnien ta' Misraħ Lewża jiġu kkunsidrati wara li jkun magħruf il-finanzjament taħt l-iskema tal-fondi speċjali.

4.12.14 Dwar it-taraġ li jagħti minn Misraħ Lewża għal Triq il-Ġibjun kien hemm qbil li ssir *site inspection*; inkluż dwar *railing* li kien tneħħa fl-istess Misraħ.

4.12.15 F'dan l-istadju reġgħet ġiet diskussa il-pożizzjoni dwar il-*cart ruts* u jekk dan għandux jiġi magħluq għal kollox.

4.12.16 Ġiet ippreżentata ittra ffirmata mill-Kunsilliera Rita Saliba, Violet Bajada, Joan Farrugia u Anthony Mifsud Bonnici li formalment għamlu l-oġġezzjoni tagħhom li jinghalaq l-aċċess pubbliku ghal *cart ruts*.

4.12.16 Ġiet ippreżentata wkoll ittra u petizzjoni li tħeġġeġ lil Kunsill biex jgħati l-aċċess lir-residenti li għandhom *back door* kif ukoll biex jkun hemm passaġġ pubbliku.

4.12.17 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

4.12.18 *"Il-Kunsill jaqbel li s-sit għal Cart Ruts jibqa' magħluq hekk kif kien miftiehem filwaqt li jittieħed parir professjonali."*

4.12.19 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u għaddiet b'ħames voti favur u erbgħa kontra.

4.12.20 Fuq talba għal *division* tal-vot irriżulta li dawk favur kienu s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia, u dawk kontra kienu il-Kunsilliera Rita Saliba, Violet Bajada, Joan Farrugia u Anthony Mifsud Bonnici.

4.12.21 Il-Kunsill kien mgħarraf b'*meeting on site* li sar mill-Kunsillier Violet Bajada u l-*Contracts' Manager* mal-kuntrattur tal-ġonna.

4.12.22 Il-Kunsill ikkunsidra talba li tressqet minn residenti ta' Triq Stefanotis sabiex jinqalgħu it-*traffic calming measures* li hemm f'din it-triq.

4.12.23 Ġie deċiż li l-Kunsill jistenna li jirċievi ittra ffirmata minn dawn ir-residenti dwar it-talba mressqa.

4.12.24 Ġie deċiż li ssir laqgħa *on site* ma' l-ADT fi Triq il-Qasab dwar it-*traffic calming measures* minħabba l-abbużi li qed isiru, kif ukoll fi Triq tal-Balal biex titneħħa parti mill-*layby*, fi Triq Oreste Kirkop **"k/m Triq George Tayar"** biex isir *one way* u biex fil-parti t'isfel ta' Triq in-Naxxar issir *zebra cross* **", kif ukoll *traffic management* fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kapuċċini."**

***Emendata Laqgħa nr. 5***

4.12.25 Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Violet Bajada kienu skużati mil-laqgħa fid-9.15pm.

4.12.26 Il-Kunsill approva li tiġi organiżżata l-attivita' tat-tberik ta' l-annimali f'Jum San Franġisk, bl-ispiża tammonta għal €230.

4.12.27Il-Kunsill qabel li tinġieb stima għal xogħlijiet ta' *railing* u *bollard* f'Misraħ Awrikarja u Triq il-Mensija.

4.12.28Il-Kunsill qabel li ssir *site inspection* fi Triq Vinċenzo Galea sabiex parti minnha ssir bil-konkos.

4.12.29F'dan l-istadju tal-laqgħa, kienet diskussa l-preżenza tal-Kunsillier responsabbli minn xi funzjoni waqt laqgħat li jsejjaħ is-Sindku.

4.12.30 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

4.12.31 *"Il-Kunsill jaqbel li s-Sindku għandu dritt isejjaħ laqgħat mal-kuntratturi u dan sabiex iħeġġiġhom ikunu aktar effiċjenti."*

4.12.32 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli.

4.12.33Il-Kunsillier Rita Saliba resqet din l-emenda:

4.12.34*"Fi tmiem il-mozzjoni jiżdiedu l-kliem "u li għal dawn il-laqgħat, il-Kunsillier responsabbli għandu jiġi mgħarraf u jkun preżenti.""*

4.12.35 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia.

4.12.36 L-emenda għaddiet b'erba' voti favur u tlieta kontra.

4.12.37 Il-voti ta' fuq il-mozzjoni emendata rriżulta f'erba' voti favur u tlieta kontra.

**4.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti**

4.13.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti numru 1,2 u 3, li kopja tagħhom hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti "4Ġ", "4Ħ" u "4I".

4.13.2 Saret diskussjoni dwar kontijiet bir-referenza 6, 7 u 8, fejn kien iċċarat li l-fotografu ma jieħux ħlas tas-servizz professjonali iżda biss ta' l-istampar tar-ritratti.

4.13.3 Il-Kunsillier Neville Mallia ressaq din il-mozzjoni:

4.13.4 *"Il-Kunsill japprova l-ħlasijiet ta' l-iskeda tal-Pagamenti numru 1,2 u 3."*

4.13.10 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet unanimament.

4.13.11 Il-laqgħa ntemmet fl-10.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **28 ta' Settembru, 2009**

________________________ ________________________

Joseph Agius — Adrian Mifsud
Sindku — Segretarju Eżekuttiv